

31996L0035

L 145/10

IL-ĠURNAL UFFIċJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.6.1996

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/35/KE**tat-3 ta' Ġunju 1996**

fuq il-ħatra u l-kwalifikasi vokazzjonali ta' konsulenti dwar is-sigurtà għat-traspost ta' merkanzija perikoluża bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali (²),

Waqt li aġixxa skond il-proċeduri mwaqqfa fl-Artikolu 189c tat-Trattat (³),

Billi matul numru ta' snin il-kwantitajiet ta' merkanzija perikoluża trasportati fuq bażi nazzjonali u internazzjonali żidduu sewwa, b'hekk żiedu r-riskju ta' aċċidenti;

Billi wħud mill-aċċidenti li jiġu meta merkanziji perikolużi jkunu jingħarru jistgħu jiġi kkawżati minħabba nuqqas ta' għar-fien tar-riskji marbuta ma' trasport simili;

Billi huwa meħtieġ, fil-kuntest tat-twaqqif ta' suq wieħed fit-transport, li jiġi adottati miżuri biex jippromwovu l-prevenzjoni ta' riskji marbuta ma' trasport simili;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoragiġxu titjib fis-sigurtà u s-saħħha tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (⁴) ma tintroduċix miżuri li jipprevju r-riskji marbuta mat-transport ta' merkanzija perikoluża;

(¹) ĠU C 185, tas-17.7.1991, p. 5 u ĠU C 233, tal-11.9.1992, p. 5.

(²) L-opinjoni mogħtija fis-27 ta' Novembru 1991 (ĠU C 40, tas-17.2.1992, p. 46).

(³) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 1992 (ĠU C 150, tal-16.6.1992, p. 332), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 1995 (ĠU C 297, ta' l-10.11.1995, p. 13) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 1996 (ĠU C 32, tal-5.2.1996, p. 49).

(⁴) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

Billi impriżi involuti fit-transport jew it-tagħbija jew il-ħatt relataż ta' merkanzija perikoluża għandhom ikunu mitluba jikkon-formaw mar-regoli fuq il-prevenzjoni tar-riskji marbuta mat-transport ta' merkanzija perikoluża, sew jekk bit-triq, bil-ferrovija jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni; billi, għal dak il-għan, il-ħatra ta' konsulent dwar is-sigurta għat-trasport ta' merkanzija perikoluża li jkunu rċevew taħriġ vokazzjonali xieraq għandha tkun preskritta;

Billi l-ġħan tat-taħriġ vokazzjonali ta' konsulent fuq is-sigurta għandu jkun għar-fien tal-liġijiet essenziali, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li japplikaw għal trasport simili;

Billi l-Istati Membri għandhom iwaqqfu qafas komuni minimu għal taħriġ vokazzjonali attestat b'suċċess feżami;

Billi l-Istati Membri għandhom joħorġu ċertifikati-tip tal-Komunità li jattestaw il-kwalifikasi vokazzjonali ta' konsulent sabiex dawk li jkollhom ċertifikati simili jkunu jistgħu mbagħad iwettqu l-ħidma tagħhom fil-Komunità kollha;

Billi l-kwalifika vokazzjonali ta' konsulent dwar is-sigurta għandha tħgin il-kwalità tas-servizz fl-interessi ta' l-utenti; billi kwalifika vokazzjonali simili tħġin ukoll biex tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskji ta' inċidenti li jistgħu jikkagħunaw ħsara irri-versibbli għall-ambjent u korrimenti gravi lil persuni oħra li jistgħu jiġi fkuntatt ma' merkanzija perikoluża,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Mira

l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa skond il-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva biex jassiguraw li mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999 impriżzi li l-aktivitajiet tagħhom jinklu lu t-transport, jew it-tagħbija u l-ħatt relataż, ta' merkanzija perikoluża bit-triq, bil-ferrovija jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni għandhom kull wieħed jaħtru konsulent wieħed jew aktar fuq it-transport ta' merkanzija perikoluża, responsabbli biex jgħin biex jipprevu r-riskju inerrenti ma' attivitajiet simili fir-rigward ta' persuni, proprjetà u l-ambjent.

*L-Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "impriżza" għandha tfisser kull persuna naturali, kull persuna legali, sewwa jekk tagħmel profitt sewwa le, kull assoċċazzjoni jew grupp ta' persuni mingħajr personalità legali, sewwa jekk tagħmel profitt jew le, jew kull korp uffiċjali, sewwa jekk għandu personalità legali huwa nnifsu jew jid-depedni minn awtorità li għandha personalità simili, li ġġorr, tħabbi jew tħott merkanzija perikoluża;
- (b) "konsulent tas-sigurta għat-trasport ta' merkanzija perikoluża", minn issa 'l quddiem magħruf bħala "konsulent", għandu jfisser kull persuna maħtura mill-kap ta' l-impriżza li r-rwol tiegħu huwa li jagħmel id-doveri u jwettaq ix-xogħliji definiti fl-Artikolu 4 u li għandu l-attestat tat-tarhriġ li hemm ipprovdut fl-Artikolu 5;
- (c) "merkanzija perikoluża" għandha tfisser merkanzija definita bħala tali fl-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-apprōssimazzjoni tal-liġi-jiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq (¹);
- (d) "attivitàjet" għandha tfisser it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, bil-ferrovija jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni bl-eċċeżżjoni ta' passaġġi fuq l-ilma interni nazzjoni li mhux konnessi mal-passaġġi fuq l-ilma interni ta' Stati Membri oħra, flimkien mat-tagħbija u l-ħatt relatat.

*L-Artikolu 3***Eżenzjonijiet**

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li din id-Direttiva ma tkunx tapplika għal impriżzi:

- (a) li l-attivitàjet tagħhom jikkonċernaw it-trasport ta' merkanzija perikoluża b'mezzi ta' trasport li jappartieni lill-forzi armati jew huma taħt ir-responsabbiltà tagħhom,
- (b) li l-attivitàjet tagħhom jikkonċernaw kwantitatijet f'kull unità ta' trasport iż-ġie minn dawk definiti fil-marġini 10010 u 10011 fl-Anness B tad-Direttiva 94/55/KE, jew
- (c) li l-attivitàjet prinċipali jew sekondarji tagħhom mhux it-trasport jew it-tagħbija u l-ħatt relatat ta' merkanzija perikoluża iż-żida li minn żmien għal żmien jidħlu għal xogħol ta' trasport nazzjoni jew it-tagħbija u l-ħatt relatat ta' merkanzija perikoluża li fis-fih periklu jew riskju ta' kontaminazzjoni.

(¹) ĠU L 319, tad-12.12.1994, p. 7.

*L-Artikolu 4***Ir-rwol u l-ħatra tal-konsulent**

1. Ix-xogħol prinċipali ta' konsulent ikun, taħt ir-responsabbiltà tal-kap ta' l-impriżza, li jipprova bil-mezzi kollha xierqa u bl-azzjoni kollha xierqa, fl-ambitu tal-limiti ta' l-attivitàjet rilevanti ta' l-impriżza, iħaffef it-tmexxa ja' dawk l-attivitàjet b'mod konformi mar-regoli applikabbli bl-aktar mod ħieles mill-periklu possibbli. Huwa għandu jagħmel ix-xogħliji elenkti fl-Anness I relevanti ma' l-attivitàjet ta' l-impriżza.
2. Il-konsulent jista' jkun ukoll il-kap ta' l-impriżza, persuna b'doveri oħra ma' l-impriżza, jew persuna mhux direttament impiegata minn dik l-impriżza, sakemm dik il-persuna tkun kapaċi tagħmel id-doveri ta' konsulent.
3. Kull impreżza għandha, fuq talba, tinforma lill-awtorità kompetenti jew lill-korp maħtur għal dak l-iskop minn kull Stat Membru dwar l-identità tal-konsulent tagħha.

*L-Artikolu 5***Attestat ta' taħriġ**

1. Konsulent għandu jkollu attestat ta' taħriġ vokazzjonali tip tal-Komunità, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-attestat", validu għall-mod jew modi ta' trasport ikkonċernat. Dak l-attestat għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti jew il-korp maħtur għan dak il-ġhan minn kull Stat Membru.
2. Biex jikseb attestat kandidat għandu jagħmel taħriġ u jgħaddi eżami approvat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru.
3. L-għanijiet ewlenin tat-taħriġ għandu jkun biex jagħti lill-kandidati bizzżejjed għarfien dwar ir-riskji inerenti mat-trasport ta' merkanzija perikoluża, il-liggi, ir-regolamenti u d-dispożiżjoni jiet amministrattivi applikabbli għall-modi ta' trasport konċernat u d-doveri elenkti fl-Anness I.
4. L-eżami għandu jkopri ta' l-anqas is-suġġetti elenkti fl-Anness II.
5. L-attestat għandu jieħu l-forma stabbilita fl-Anness III.
6. L-attestat għandu jkun rikonoxxt mill-Istati Membri kollha.

*L-Artikolu 6***Il-validità ta' l-attestat**

L-attestat għandu jkun validu għal ħames snin. Il-perijodu ta' validità ta' l-attestat għandu jkun estiż awtomatikament għal ħames snin kull darba fejn, matul l-aħħar sena qabel ma jagħlaq, min għandu l-attestat ikun għamel korsijiet ta' aġġornament jew għaddha eżami li t-tnejn li huma jridu jkunu approvati mill-awtorità kompetenti.

L-Artikolu 7**Rapporti ta' inċidenti**

Kull meta aċċident jaffettwa persuna, proprjetà jew l-ambjent jew jirriżulta fi ħsara għall-proprietà jew l-ambjent matul it-trasport, tagħbija jew ħatt, magħmul mill-impriża kkonċernata, konsulent għandu, wara li jkun ġabar it-tagħrif kollu rilevanti, jipprepara rapport dwar l-inċident għall-amministrazzjoni ta' l-impriża jew għall-awtorità pubblika lokali, kif xieraq.

Dak ir-rapport m'għandux jieħu l-post ta' xi rapport mill-amministrazzjoni ta' l-impriża li jista' jkun meħtieġ fl-Istati Membri taħt xi legħiġi oħra internazzjonali, tal-Komunità jew nazzjonali.

L-Artikolu 8**Adattament tad-Direttiva**

L-emendi meħtieġa biex wieħed jadatta din id-Direttiva mal-progress xjentifiku u tekniku fl-oqsma fl-ambitu ta' l-għan tagħha għandhom ikunu adottati b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9.

L-Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat tat-trasport ta' merkanzija perikoluża mwaqqaf bl-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE, minn issa l-quddiem imsejjaħ “il-Kumitat”, li għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u jkun presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jagħti lill-Kumitat abbozzi tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-fehma tiegħi fuq dak l-abbozz f'terminu ta' żmien li l-president jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-ħaġa. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun jehtiegleu jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom ikunu mogħtija piżi bil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba jekk huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri maħsuba ma jaqblux ma' l-opinjoni tal-Kumitat jew jekk il-Kumitat ma jagħtix opinjoni il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tagħti lill-Kunsill suġġeriment dwar il-miżuri li għandhom jit-tieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk fi żmien tliet xhur mid-data li jkun inkitiblu l-Kunsill ma jkunx ħa passi, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti.

L-Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet fuq is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol stabbiliti fid-Direttiva 89/391/KEE u fid-Direttivi individuali li jimplimentawha.

L-Artikolu 11

1. l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex iħarsu din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufi.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri għandhom jinkludu referenzi għal din id-Direttiva jew jaġħmlu magħhom referenzi simili fil-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-mod li fih dawn ir-referenzi għandhom isiru.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liggi domestika li huma jadottaw fil-kamp regolat minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-3 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TREU

L-ANNESS I

ID-DOVERI TA' KONSULENT IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(1)

Konsulent għandu dawn id-doveri li ġejjin b'mod partikolari:

- jimmonitorja konformità mar-regoli li jħarsu t-trasport ta' merkanzija perikoluża,
- jagħti parir lill-impriżza tiegħu dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża,
- jipprepara rapport kull sena lill-amministrazzjoni ta' l-impriżza tiegħu jew lill-awtorità pubblika lokali, kif xieraq, fuq l-aktivitajiet ta' l-impriżza fit-trasport ta' merkanzija perikoluża. Rapporti annwali simili għandhom jinżammu għal ħames snin ujkunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali meta jitkolbuhom.

Id-doveri ta' konsulent jinkludu monitorjar tal-prattiċi li ġejjin relatati ma' l-aktivitajiet rilevanti ta' l-impriżza:

- il-proċeduri għal konformità mar-regoli li jirregolaw l-identifikazzjoni ta' merkanzija perikoluża li qed jiġu ttrasportati,
- il-prattika ta' l-impriżza li tagħti kas, meta tixtri mezzi ta' trasport, ta' xi ħtiġjiet speċjali f'konnessjoni mal-merkanziji perikolużi li qed jinġarru,
- il-proċeduri għal-verifika ta' l-apparat użat f'konnessjoni mat-trasport, tagħbjia jew ħatt ta' merkanzija perikoluża,
- it-taħriġ xieraq ta' l-impiegati ta' l-impriżza u ż-żamma ta' rekord ta' taħriġ simili,
- it-tħaddim ta' proċeduri xierqa ta' emerġenza fil-kas ta' aċċident jew inċident li jistgħu jaffettaw is-sigurtà matul it-trasport, tagħbjia jew ħatt ta' merkanzija perikoluża,
- l-investigazzjoni u, fejn xieraq, il-preparazzjoni ta' rapporti fuq aċċidenti serji, inċidenti jew nuqqasijiet serji rrikordati matul it-trasport, tagħbjia jew ħatt ta' merkanzija perikoluża,
- it-tħaddim ta' miżuri xierqa biex jevita li jiġru aċċidenti, inċidenti jew ksur (ta' regoli) serju,
- l-attenzjoni li tingħata tal-preskizzjonijiet legali u ħtiġjiet speċjali assoċjati mat-trasport ta' merkanzija perikoluża fl-għażla u l-użu ta' subkuntratturi jew terzi persuni,
- verifika li ħaddiema involuti fit-trasport, tagħbjia jew ħatt ta' merkanzija perikoluża għandhom proċeduri ta' xogħol u iistruzzjonijiet dettaljati,
- l-introduzzjoni ta' miżuri biex jikber l-għarfien tar-riskji marbuta mat-trasport, tagħbjia u ħatt ta' merkanzija perikoluża,
- it-tħaddim ta' proċeduri ta' verifika biex tkun assigurata l-preżenza abbord il-mezz ta' trasport tad-dokumenti u apparat ta' sigurezza li għandhom jakkompanjaw it-trasport u l-konformità ta' dokumenti u apparat simili mar-regolamenti,
- it-tħaddim tal-proċeduri ta' verifika biex tkun assigurata l-konformità mar-regoli li jirregolaw it-tagħbjja u l-ħatt.

L-ANNESS II

Suġġetti msemmija fl-Artikolu 5(4)

It-tagħrif meħtieġ biex wieħed jikkwalifika għal attestat għandu jinkludi ta' l-anqas dan li ġej:

- I. Miżuri ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:
 - għarfien tat-tipi ta' konsegwenzi li jistgħu jiġu kkawżati b'aċċident li jinvolvi merkanzija perikoluża,
 - għarfien tal-kawżi ewleni ta' l-aċċidenti.
- II. Dispożizzjonijiet relatati mal-mod ta' trasport użati taħt il-liġi nazzjonali, standards tal-Komunità, konvenzjonijiet u ftehim internazzjonali, fir-rigward ta' dan li ġej b'mod partikolari:
 1. il-klassifikazzjoni ta' merkanzija perikoluża:
 - il-proċedura għall-klassifikasi ta' soluzzjonijiet u taħlit,
 - l-istruttura tad-deskrizzjoni ta' sustanzi,
 - it-taqsim ta' merkanzija perikoluża u l-prinċipji tal-klassifikazzjoni tagħhom,
 - in-natura tas-sustanzi u merkanzija perikoluża trasportati,
 - il-proprietajiet tagħhom fiżiċi, kimikali u tossikoloġi;
 2. ħtiġjiet ġenerali ta' pakkjar, li jinkludu *tankers*, *tank-containers*, eċċ.
 - tipi ta' ppakkjar, kodifikazzjoni u markar,
 - ħtiġjiet ta' ppakkjar u preskrizzjonijiet għat-testjar ta' ppakkjar,
 - l-istat ta' l-ippakkjar u verifikasi minn żmien għal żmien;
 3. markar ta' periklu u tikketti:
 - l-immarkar fuq tikketti ta' periklu,
 - it-tqegħid u t-tnejħija ta' tikketti ta' periklu,
 - twaħħil ta' avviżi u tabelli;
 4. referenzi fid-dokumenti tat-trasport:
 - tagħrif fid-dokument tat-trasport,
 - id-dikjarazzjoni ta' konformità ta' min jagħmel il-konsenza;
 5. il-metodu tal-konsenza u r-restrizzjonijiet ta' kif tintbagħha:
 - tagħbjja sħiħa,
 - trasport bil-bulk,
 - trasport f'*containers* tal-*bulk* kbar,
 - trasport ta' *containers*,
 - trasport ġo tankijiet fissi u li jiżżarmaw;
 6. it-trasport ta' passiġġieri;
 7. projbizzjonijiet u prekawzjonijiet relatati ma' tagħbjja mħallta;
 8. is-segregazzjoni ta' sustanzi;
 9. limiti fuq il-kwantitajiet li jingħarru u kwantitajiet eżenti;
 10. maniġġjar u stivar:
 - tagħbjja u ħatt (rapporti ta' mili),
 - stivar u segregazzjoni;
 11. tindif u/jew *degassing* qabel it-tagħbjja u wara l-ħatt;
 12. ekwipaġġi: tħriġ vokazzjonali;
 13. karti tal-vettura:
 - id-dokument tat-trasport,
 - istruzzjonijiet miktuba,
 - l-attestat ta' l-approvazzjoni tal-vettura,
 - l-attestat tat-ħriġ tas-sewwieq tal-vettura,
 - l-attestat ta' tħriġ fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni,
 - kopji ta' xi derogi,
 - dokumenti oħra;
 14. istruzzjonijiet ta' sigurtà: implimentazzjoni ta' l-istruzzjonijiet u apparat għall-protezzjoni tas-sewwieq;
 15. impenji ta' osservanza: parkegħgar;
 16. regolamenti u restrizzjonijiet tat-traffiku u n-navigazzjoni;
 17. skariki ta' materjal kontaminanti tax-xogħol jew aċċidentalni;
 18. ħtiġjiet relatati ma' apparat ta' trasport.

L-ANNESS III

FORMA TA' ATTESTAT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 5(5)**Attestat tal-KE ta' tħarriġ bħala konsulent fis-sigurtà għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża**

Numru ta' l-attest:

Sinjal distintiv ta' l-Istat Membru li joħroġ l-attestat:

Kunjom:

L-isem (l-ismijiet):

Data u post tat-twelid:

Nazzjonaliità:

Firma ta' min għandu l-attestat:

Validu sal- għal impriżi li jġorru merkanzija perikoluża u għal impriżi li jagħmlu tagħbiġiet u ħatt relata;

bit-triq

bil-ferrovija

bil-passagi fuq l-ilma interni

Maħruġ minn:

Data:

Firma:

Estiż sal-:

Minn:

Data:

Firma: